MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### TONIO MALLIA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 336/2002/1

**Karin Farrugia f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici tat-tlett uliedha minuri Keith, Brandon, u Ryan ahwa Farrugia**

**vs**

**Assunta Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici *proprio et nominei* fit-25 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi;

L-attrici hija l-armla ta' Saviour Farrugia, karta ta' l-identita numru 494466(M), liema miet intestat fl-erbgha ta' Jannar 2001;

Miz-zwieg taghhom twieldu tlett ulied subien li ghadhom minorenni, u *cioe'* Keith, Brandon u Ryan ahwa Farrugia u li ghalhekk huma l-eredi universali ta' missierhom Saviour Farrugia;

Saviour Farrugia, meta kien ghadu haj kien proprjetarju ta' xi ghodda kif indikati fil-prospett hawn anness u mmarkata DOK KF1;

Din l-ghodda tinsab fil-pussess tal-konvenuta, li tigi omm id-defunt Saviour Farrugia;

Il-konvenuta qed tirrifjuta li tikkonsenja din l-ghodda lill-attrici *nominee*, anki wara li giet interpellata diversi drabi biex taghmel dan.

Talbu lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-ghodda indikati fil-prospett immarkat DOK KF1 huma proprjeta' tad-defunt Saviour Farrugia u *kwindi* jaghmlu parti mill-eredita' tad-defunt *a favur* ta' tlett uliedu Keith, Brandon u Ryan ahwa Farrugia;

2. Tordna l-istess konvenuta, sabiex fi zmien qasir u perentorju, tikkonsenja u tirristitwixxi lill-attrici *nominee* l-ghodda kif indikati fil-prospett anness DOK KF1;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-1 ta' Frar, 2002 u l-15 ta' Frar, 2002, minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. Dak li qed jigi allegat fic-citazzjoni attrici huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt *stante* li m'huwiex minnu li l-ghodda kollha indikati fil-prospett kienu proprjeta' tad-defunt Saviour Farrugia u li *kwindi* ma jaghmlux parti mill-eredita' tad-defunt *a favur* ta' uliedu Keith, Brandon u Ryan ahwa Farrugia;

2. Minghajr pregudizzju ghas-soespost, l-esponenti ghandha fil-pussess taghha kompressur u arlogg li hija lesta li tikkonsenja lil attrici *et noe* u dan kif dan hu ukoll dokumentat f'ittra legali datata 7 ta' Frar, 2002 (Dok A);

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta tirreleva li hija ma ghandha ebda' hjiel ta' fejn jinstabu u x'gara mill-affarijiet l-ohra li huma indikati fil-prospett ezebit;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat id-digrieti moghtija mill-Qorti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' illum;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, l-attrici u ulieda huma s-successuri ta' Silvio Farrugia, li kien ir-ragel tal-attrici, missier l-atturi Keith, Brandon u Ryan, ahwa Farrugia, u iben il-konvenuta. Dan Silvio Farrugia kien bajjad u jaghmel xoghol fuq bini bi shab ma' certu John Azzopardi. Biex iwettqu dan ix-xoghol kienu juzaw hafna ghodda li kienu jappartjenu, fil-maggor parti taghhom, lil Silvio Farrugia u John Azzopardi bi shab, waqt li ghodda ohra kienu jappartjenu liz-zewg shab individwalment. L-aktar li kellu ghodda tieghu kien Silvio Farrugia, ghax is-sieheb John Azzopardi ftit li xejn kellu ghodda personali tieghu. Dawn l-ghodda huma kienu izommuhom fi tlett *garages* li kellhom wiehed f'Hal Qormi, li kien f'idejn il-genituri ta' Silvio Farrugia b'titolu ta' kera, u t-tnejn l-ohra li kienu krew gewwa Haz-Zebbug.

Silvio Farrugia miet fl-4 ta' Jannar, 2001, u l-atturi, martu u uliedu, bhala successuri tieghu, jridu jiehdu pussess tal-ghodda li kellu Silvio, kemm dawk li kienu tieghu personali kif ukoll dawk li kienu bi shab ma' John Azzopardi. L-ghodda li qed jigu mitluba kienu fil-*garage* ta' Hal Qormi li jappartjeni, issa, lill-konvenuta u dan wara l-mewt ta' zewgha, Zaren. Il-konvenuta qed tghid li hi fil-*garage* sabet biss il-kompressur u l-arlogg li kien jilbes binha, izda l-affarijiet l-ohra ma sabithomx fil-*garage* u m'ghanda ebda hjiel fejn jinstabu u x'gara mill-affarijiet l-ohra.

L-attrici esebiet lista ta' ghodda li trid lura, u mix-xhieda ta' John Azzopardi jirrizulta li l-maggor parti ta' dawk l-affarijiet kienu jinzammu fil-*garage* ta' Hal Qormi. Hu jghid, *pero'*, li s-*safety belt* il-blu, iz-zewg *safety belts* l-ohra u lis-*scafolding* kienu jinzammu fil-*garages* ta' Haz-Zebbug. Peress li l-konvenuta ma kellhiex x'taqsam ma' dawn il-*garages* u ma kellhiex access ghalihom, dawn l-oggetti jridu mill-ewwel jigu eliminati mill-pretenzjoni attrici. Dan is-sieheb indika wkoll li c-*"cijzzer" Black & Decker* kien ta' Zaren Farrugia, missier Silvio, u, ghalhekk, ghandu wkoll jigi eliminat mill-pretenzjoni attrici, peress li ma jirrizultax li dan qatt gie moghti lil zewg l-attrici. L-oggetti l-ohra indikati fil-lista tal-attrici gie konfermat li kienu jappartjenu lil Silvio Farrugia, jew wahdu jew bi shab ma' John Azzopardi, u li kienu jinzammu fil-*garage* tal-konvenuta gewwa Hal Qormi.

Id-diffikulta' f'din il-kawza tirreferi ghal-punt dwar jekk dawk l-ghodda baqghux fil-*garage* ta' Hal Qormi fid-data tal-mewt ta' Silvio Farrugia. Jirrizulta li l-konvenuta biddlet is-serratura tal-*garage* ftit ijiem wara li miet binha. Hi tghid li fil-pussess taghha ghandha biss il-kompressur u l-arlogg.

Ix-xhud John Azzopardi jghid li jiftakar car li l-ghodda *in kwistjoni* kienu fil-*garage* ta' Hal Qormi, izda kien ilu ma jidhol fil-*garage* madwar sitt xhur qabel ma miet Silvio Farrugia, u dan peress li hu waqaf jahdem bi shab ma' Silvio Farrugia sitt xhur qabel ma miet, izda, sakemm miet Silvio Farrugia, ma kienux ghadhom illikwidaw u qassmu l-oggetti li kienu xtraw bi shab.

Ghandu jinghad, fl-ewwel lok, li ghalkemm l-atturi huma ko-proprjetarji ta' uhud mill-oggetti li qed jirrevendikaw, dan mhux ta' ostakolu ghall-azzjoni. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Pace et vs Kummissarju tal-Artijiet et", deciza fid-19 ta' Frar, 2004,

*"Illi huwa moghti wkoll il-jedd li tressaq l-azzjoni ta' rivendika lil dik il-persuna li tkun sid ma ohrajn tal-gid rivendikat, ukoll jekk is-sehem taghha huwa wiehed mhux maqsum jew sahansitra mhux maghruf jew definit ("Zammit vs Zammit", Prim Awla 15 ta' Ottubru, 1959). U persuna li ghandha gid flimkien ma' haddiehor ma jidhirx li tehtieg is-sehem jew il-kunsens tal-komproprejetarji l-ohrajn biex tkun tista' tiftah azzjoni ghar-rivendika ("Schembri vs Vassallo", Prim Awla, 17 ta' Gunju, 1963), u dan billi m'hemmx rapport guridiku bejn min jokkupa fond minghajr titlu u s-sidien l-ohrajn tal-istess fond ("Agius vs Borg", Prim Awla, 28 ta' Marzu, 2003)".*

L-azzjoni tal-atturi, bhala proprjetarju assoluti ta' xi ghodda, u bhala ko-proprjetarji ma' persuna ohra ta' ghodda ohra, intiza biex jirrikavaw il-pussess tal-oggetti proprjeta' taghhom, tista', ghalhekk, tirnexxi.

F'din il-kawza hemm konflitt fil-provi ghax fil-waqt li l-attrici tallega li ghodda kienu u baqghu fil-*garage* ta' Hal Qormi sakemm miet zewgha, il-konvenuta tallega li *oltre* l-kompressur u l-arlogg, l-affarijiet l-ohra qatt ma gew fil-pussess taghha. Issa kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Cassar vs Psaila", deciza fil-31 ta' Jannar, 2003;

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fiha ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo ("Farrugia vs Farrugia", Prim Awla, 24 ta' Novembru, 1966). Fi kwistjoni ta' kredibilita' u apprezzament ta' provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja ("Borg vs Bartolo", Appell Inferjuri, 26 ta' Gunju, 1980)".*

Din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' d-depozizzjoni tal-konvenuta, u apparti l-fatt li din ma tantx dehret konvincenti lill-Qorti, ma setghetx tghid liema ghodda binha kien izomm fil-*garage* mikri lilha u liema fil-*garages* ta' Haz-Zebbug. Tghid li kienet silfet lil binha l-ghodda ta' zewgha, *pero'*, la dawn gew identifikati u lanqas ma ntqal jekk dawn baqghux f'idejn binha sakemm miet. Hu normali li wiehed li jahdem is-sengha ta' bennej, ibiddel u jixtri ghodda godda regolarment minhabba l-esigenzi tax-xoghol. Hafna mill-ghodda li l-attrici qed titlob il-pussess taghhom, gew identifikati minn John Azzopardi bhala li kienu jappartjenu lil Silvio Farrugia u lilu bi shab, u ohrajn li kienu jappartjenu lil Silvio Farrugia biss. Dawk l-ghodda baqghu jintuzaw sa ma waqfu jahdmu, u meta tqies li *oltre* Farrugia u Azzopardi, kienet biss il-konvenuta li kellha access ghal-*garage* ta' Hal Qormi, il-Qorti thoss li, fuq bazi ta' probabilita', l-oggetti *in kwistjoni* iddisponiet minnhom l-istess konvenuta.

La darba, kif inghad, li fl-ahhar sitt xhur ta' hajtu, Silvio Farrugia kellu xi problemi ma martu, u kienu telghin u nizzlin mill-isptar *Monte Karmeli,* u l-istess Silvio Farrugia kien taht kura medika, mhux probabbli li kien hu stess li iddispona mill-ghodda tieghu; ma jidhirx li, fid-dawl tal-inkwiet li kellu, hu kellu mohh l-ghodda tieghu. Il-konvenuta tammetti li wara li miet binha, tifel iehor minn taghha mar jiehu pussess tal-*garage* billi biddel is-serratura tal-bieb tal-*garage*. Dan ghamlitu minghajr ma' l-ewwel u qabel xejn talbet li jsir inventarju formali ta' dak kollu li kien jinsab fil-*garage*, u, ghalhekk, assumiet responsabilita' ta' dawk l-oggetti li jirrizultaw li kienu f'dak il-*garage* izda li wara sparixxew. Kif inghad, hlief ghal xi oggetti partikolari u li gew identifikati bhala li jew ma kienux fil-*garage* ta' Hal Qormi, jew li kienu ta' zewg il-konvenuta, l-affarijiet l-ohra ghandhom dritt jiehdu pussess taghhom l-atturi, bhala eredi ta' Silvio Farrugia, u la darba irrizulta li kienu fil-*garage* ta' Hal Qormi, hi responsabbli ghalihom il-konvenuta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u wara li

tilqa' *in parte* it-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-atturi fi zmien 20 (ghoxrin) gurnata mil-lum is-segwenti oggetti, u *cioe'*, (1) *driller blue "Narex"* bil-*forward* u *reverse*; (2) *jigsaw* iswed; (3) *cross cut*; (4) kompressur bil-*pipe* u *gun* tal-*ispray;* (5) *punching bag* (6) *chain saw* tal-gebel; (7) zewg magni tal-invjar suwed; (8) zewg *drillers "skill"*; (9) *driller* ahmar tal-marka *"Philips"*; (10) *driller (des auto)* kulur tal-fidda; (11) *welding set* ta' kulur orango; (12) arlogg tal-marka *"Sector"*; u (13) *set* tal-*artex.*

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------